



*Eric Montfort*

# *Ġrajja ta' Parroċċa, Ġrajja ta' Lokalità*

Fiż-żmien li saret Parroċċa, il-Marsa għaddiet minn perjodu relattivament tajjeb. In-nies kellhom xogħol mhux ħażin minħabba l-kummerċ li kien hemm fil-Port il-Kbir. Kien żmien l-ewwel gwerra dinjija u, għalkemm Malta ma kenitx involuta direttament, kien hemm ħafna kummerċ fil-port. Gawdew ħafna n-nies tal-madwar minħabba dan il-kummerċ. Malta kienet serviet bħala sptar kbir għal ħafna suldati li kienu jiġu mdewwija fil-kampanji bħal tad-Dardanelli, fil-Greċja. Kienet gwerra twila u iebsa li donnu ħadd ma kien se jirbaħha u l-battalji li kien hemm fil-lvant tal-Mediterran ġabu dan l-influss ta' suldati lejn Malta.

Il-popolazzjoni fil-Marsa għal perjodu ta'madwar 25 sena kibret u tkattret. Bdew jibnew l-inħawi ta' Triq Balbi u Triq is-Salib kibret sew. Triq il-Marsa kienet żviluppat sew u fuq in-naħa l-oħra kien hemm ukoll Triq Zerafa u l-akkwati ta' wara l-bini, li għalkemm illum jagħmlu mal-Ħamrun insibu wkoll toroq minnhom li jagħmlu ma' din il-parroċċa. It-tieni gwerra dinjija ġabet ukoll il-ħsara u t-tiġrif fil-Marsa, kif wieħed kien jistenna, għax kienet qrib il-Port il-Kbir. Kienu ħafna Marsin li telqu lejn ir-Rabat jew Birkirkara għall-kenn. Ħafna minnhom ġew wara li ntemm il-ħbit mill-għadu fl-1943. Illum, fi Pjazza Franġisk Abela, insibu mafkar li jfakkar il-vittmi Marsin tat-Tieni Gwerra Dinjija. Fuq binarju ieħor, f'dan iż-żmien kien attiv ħafna San Ġorġ Preca. Il-Marsa kellha parti importanti ħafna fil-missjoni reliġjuża tiegħu. Kien ħdejn is-Salib tal-Marsa li deherlu Ġesù forma ta' tfajjel u kien qallu jgħinu jiġbed lura karru mimli demel meta kien għadu żgħażugħ. Il-qasam tal-MUSEUM fil-Marsa twaqqaf fl-1909 u kien it-tieni wieħed li twaqqaf f'Malta. Tkattar u xxerred tant li maż-żmien kien hemm ukoll fergħat oħra fil-Marsa, fosthom fi Triq Zerafa u llum fil-Parroċċa Marija Reġina fi Triq Isouard. Wara t-tieni gwerra dinjija ssaħħet sew l-industrija fil-Marsa. Il-Port il-Kbir baqa' mimli attività u industriji ta' servizz li kienu diġà bdew qabel it-tieni gwerra dinjija, bħal Cable and Wireless, issa kibru sew . Din l-industrija fetħet *exchange* u uffiċini kbar fit-Telgħa ta' Spencer, filwaqt li qribha kibret il-fabbrika tas-silġ. L-imħażen fix-Xatt ta' Pinto kibru wkoll u fin-naħa l-oħra tal-Marsa, 'l isfel mit-toroq Simpson, Derby u Ross, fetħu fabbriki tal-inbid, tad-*dusters* u l-broxkijiet, u mastrudaxxi. Is-servizzi għall-armata Brittanika f'Malta fetħu n-NAAFI (Navy, Army and Air Force Institutes) fejn kienu jitqassmu ikel u faċilitajiet ta' sanità lin-nies tagħha. Kien hemm ukoll bosta Ingliżi, impjegati tan-NAAFI u oħrajn impjegati fis-servizzi *ancillary* tal-Forzi Armati Brittaniċi li kienu jgħixu fil-Marsa. Irridu ngħidu wkoll li dak iż-żmien kiber ukoll il-Marsa Sports Ground li kien inbeda lura fl-1869 imma ironikament wieħed ma setax jidħol fih għax, bħal bosta postijiet oħra, kien riservat biss għas-servizzi tal-armata u n-*navy* Brittanika. Kien ukoll għalhekk li l-Marsa Sports Ground, għal ħafna snin, kien ukoll magħruf bħala

*ikompli f'paġna 85*



l-Marsa tal-Ingliżi. Min jaf kemm nies innoċentement daħlu hemm u mbagħad qalgħu xi twissija jew anki ċitazzjoni mill-pulizija!

Biex ngħidu kollox, il-Marsin gawdew mas-servizzi għax ħafna kienu jixtru mill-ħwienet tal-merċa u filgħaxija, speċjalment fi tmiem il-ġimgħa, jerħulha għand il-JB Bar fi Triq is-Salib, qrib tan-NAAFI, jew inkella f'xi bars oħra. Fis-snin 60, il-popolazzjoni tal-Marsa kibret għal iktar minn 10,200 ruħ, l-ogħla popolazzjoni li qatt kellha. Kien ukoll għalhekk li nħasset il-ħtieġa li tinbena knisja ġdida u toħroġ parroċċa oħra. Dan seħħ fl-1968 bit-twaqqif tal-Parroċċa tal-Madonna tad-Dmugħ li eventwalment saret magħrufa bħala Parroċċa Marija Reġina. Kibret ukoll l-iskola fi Triq Balbi u issa din l-iskola li kienet ilha mibnija mill-1929 żdiedet magħha skola sekondarja f'nofs is-snin 60 b'entraturi kemm minn Triq l-Iskola kif ukoll minn Triq Simpson. Is-sorijiet li kienu l-Marsa fil-bidu nett tal-Parroċċa SSma. Trinità wkoll żiedu l-istituzzjoni ta' tagħlim tagħhom fi Triq Balbi. Sadanittant, bejn il-Marsa u Ħal Luqa nbnew u bdew joperaw ħafna fabbriki ġodda u dan ibbenefika xi ftit lin-nies tal-Marsa biex isibu xogħol hawnhekk. Ma rridux ninsew il-Power Station li kibret fil-Marsa, l-ewwel fl-1953 u mbagħad fl-1967. Fl-aqwa tagħha ħaddmet bosta nies minn dawn l-akkwati. Min-naħa l-oħra, ħdejn Albert Town, kien hemm skola tas-snajja' magħrufa bħala Skola tal-Port, biċċerija, fabbrika tal-ikel u s-silġ u bosta industriji żgħar. U minkejja l-fatt li dik kellha tkun belt żgħira baqgħet b'popolazzjoni ta' madwar 200 ruħ biss!

Fis-snin 70 inbidlu ħafna affarijiet u nfetħet tarzna oħra. Bidla importanti kienet it-triq wiesgħa li ħarġet mill-għelieqi li kienu jifirdu l-knisja parrokkjali u l-akkwati tagħha mill-parti ta' fuq tal-Marsa u l-Ħamrun. Qabel kien hawn pont li llum għadu hawn imma jservi bħala *footbridge* u jinqasam biss bil-mixi jew b'xi rota. Qabel, dan il-pont imsejjaħ ta' San Tumas, kien jesa' vetturi kbar sa anki għaxar tunnellati. It-triq kienet bżonnjuża għax kien hemm wisq konġestjoni fi Triq is-Salib. Iżda din it-triq spiċċat biex xorta donnha bħal qasmet il-Marsa. Tlestiet u nfetħet uffiċjalment fl-aħħar ta' Awwissu 1975 u magħha sar ukoll proġett li ra t-tmiem ta' kerrejja fi Sqaq Gulia, Triq il-Marsa, Triq San Vinċenz u Triq Santa Rita. Bdew jinbnew *housing estates* wara Triq l-Iskola u fi Triq il-Marsa u l-parti ta' fuq ta' Triq Azzopardi, iżda bdiet ukoll nieżla l-popolazzjoni. Dan ġara peress li kien hemm min kellu d-dar tiegħu li twaqqgħet minħabba l-proġett tat-Triq Diċembru 13 u ġie allokat post fil-*housing estate* li kien tlesta f'Tal-Pietà. Kienu ħafna li ppreferew jibqgħu hemm. Barra minn hekk, kienu ħafna li żżewġu u telqu mill-Marsa. Fil-bidu tas-snin 80 il-popolazzjoni kienet madwar 8,000 ruħ. Tul dawn l-aħħar snin il-popolazzjoni kompliet tiċkien u tixjieħ. Illum hemm mal-4,800 ruħ fiż-żewġ parroċċi, inqas minn meta l-Marsa ħarġet bħala parroċċa 100 sena ilu. Il-ħasra hi li, minbarra li hemm popolazzjoni żgħira, illum hemm ċerta frammentazzjoni għax partijiet mill-Marsa huma eqreb, anki soċjalment, mal-Ħamrun u ma' Ħal Qormi milli mal-Marsa. Din se tibqa' sfida kbira ħafna għall-kunsill u l-istess komunità tul is-snin li ġejjin.

Ma tantx nistgħu ngħidu li l-Marsa gawdiet daqshekk bidliet pożittivi tul dawn l-aħħar 30 sena. Rat il-Menqa timtela bil-faħam tal-*power station*, kien hemm problemi biż-żjut

*ikompli f'paġna 87*



tar-riċiklaġġ u ż-żieda fit-traffiku li jgħaddi minn Triq Diċembru 13 ħammeġ l-arja, u dan minkejja l-ħafna siġar u ż-żewġ ġonna li hemm f'dan il-vjal biex jixorbu ftit mill-*carbon dioxide* u partiċelli oħra li joħorġu mill-vetturi li jgħaddu minn hemm. It-tneħħija tal-faħam u l-użu ta' iktar filtri biex itaffu mit-tniġġiż għenu sabiex tonqos il-ħsara fl-arja tal-post, iżda nemmen li l-futur ta' din il-parti tal-Marsa se jkun marbut fuq x'sejjer jiġri wara li tagħlaq il-*power station* u l-iżvilupp li jista' jsir fejn kien hemm il-Malta Shipbuilding. Hemm potenzjal ta' tkomplija tal-proġett Valletta Waterfront li qabel kien post żdingat ħafna wkoll.

Illum hemm ukoll barranin oħra jgħixu fil-Marsa li huma kkonċentrati ħafna fil-Parroċċa SSma. Trinità. Dawn jinkludu ħaddiema mil-lvant tal-Ewropa li jaħdmu qrib fit-tarznari żgħar fil-port kif ukoll ħafna immigranti irregolari/illegali u rifuġjati. Dawn ilhom hawn mal-għaxar snin u tpoġġew f'Ċentru Miftuħ fejn kienet l-Iskola tal-Port. Il-preżenza tagħhom qajmet kontroversji kbar fost il-komunità u wieħed jifhimha meta jqis li dawn in-nies, fil-parti l-kbira tagħhom Afrikani, huma ta' kultura u attitudni differenti ħafna. Wieħed jifhem li hemm numru sew minnhom li tassew ġarrbu tbatijiet u torturi kbar f'pajjiżhom u periklu kbir fil-Libja mnejn jiġu. Hemm ukoll min m'għandux dritt jibqa' hawn. Barra minn hekk, kien hemm bosta mumenti fejn l-aġir ta' xi wħud minnhom kien qed ikun ta' għajb għal min hu rifuġjat. Hi sitwazzjoni kumplessa imma nħoss li l-NGOs u l-awtoritajiet imisshom ikunu iktar proattivi għax mhux sew li qed ibatu komunitajiet bħall-Marsa. Bħalma ġara f'postijiet oħra fejn hemm konċentrazzjoni kbira ta' dawn in-nies, bħal f'Ħal Far u f'Ħal Safi, it-tħassib tal-komunitajiet huwa kbir. Hi sitwazzjoni li se tkompli tikber jekk sakemm dawn in-nies jibqgħu hawn ma jippruvawx jintegraw u, agħar minn hekk, jekk ikun hemm minnhom li jdejqu u anki jheddu lill-komunità b'għemilhom. Tul dawn l-aħħar xhur is-sitwazzjoni tjiebet ftit imma nemmen li jrid ikun hemm iktar azzjonijiet. Il-liġi trid tkun iktar iebsa fuq kull min jikser il-liġijiet (inkluż Maltin li jisfruttawhom) u rridu nkunu proattivi billi jkun hemm iktar tagħlim u iktar miżuri sabiex dawn in-nies, jekk ikun ħaqqhom xi forma ta' ħarsien, ikollhom ħajja aħjar sakemm idumu hawn, ikunu iktar edukati, u jkunu *leaders* ħalli jekk pajjiżhom jirranġa jmorru lura b'dawn il-valuri. Ma' dan il-fenomenu wieħed irid iżid ukoll prattiċi oħra xejn sbieħ li jridu wkoll jiġu indirizzati bħall-prostituzzjoni. Huma dawn l-isfidi fihom infushom kumplessi kif ukoll in-nuqqas tal-istess popolazzjoni, fost affarijiet oħra, li jistgħu jiddeterminaw il-futur tal-istess lokalità, il-parroċċi u l-ħafna għaqdiet li għadna nsibu.